MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2014

Numru 657/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs.**

**Mathieu Andre Michel Moulin**
**Ludovic Paul Valentin Bras**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Mathieu Andre Michel Moulin**, iben Thierry u Dominque neé Fosse, imwieled Franza nhar id-29 ta' April 1993, residenti Joseph Flats, No. 3, Triq il-Qasam, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita' 100669114050

u

**Ludovic Paul Valentin Bras**, iben Remy u Celine neé Bak, imwieled Franza nhar it-22 ta' April 1993, residenti Joseph Flats, No. 2, Triq il-Qasam, Swieqi u detentur tal-Karta tal-Identita' 080469200301

akkuzati talli

LIL Mathieu Andre Michel Moulin wahdu talli nhar il-15 ta' Lulju 2014 ghal habta tas-siegha u nofs ta' filghodu (01:30a.m), fi Triq is-Sidra, Swieqi u/jew fil-vicinanzi:

1. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Alfa, numru ta' registrazzjoni PAL 156 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) pero' tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad dannu ta' Kevin Grima u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

2. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Opel, numru ta' registrazzjoni HBB 729 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) pero' tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) ghad dannu ta' Ivan Azzopardi u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

3. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Peugeot, numru ta' registrazzjoni BAO 642 liema hsara ma tiskorrix l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) pero' tiskorri t-tlieta u ghoxrin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.39) ghad dannu ta' André Damato u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(c) Kapitolu 9)

LIL Ludovic Paul Valentin Bras wahdu talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi:

4. volontarjament, hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé vettura tal-ghamla Renault, numru ta' registrazzjoni BCB 053 liema hsara ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164.69) pero' tiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad dannu ta' Riyad Ali E. Shwehdi u/jew persuni ohra (Artikolu 325 (1)(b) Kapitolu 9);

Lit-tnejn li huma akkuzati wkoll talli:

5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kienu jinsabu fi stat ta' sakra (Artikolu 338(ff) Kapitolu 9).

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "TM 10" – *a fol.* 29).

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputati, l-imputati taw il-kunsens taghhom sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (*a fol.* 7 u 8).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu li huma hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidraw l-pozizzjoni taghhom.

Rat illi, waqt is-seduta tallum, id-difiza ghaddiet is-somma ta' €1087.44 lill-Prosekuzzjoni, liema somma tirraprezenta l-ammonti a saldu li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputati.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fatt li l-imputati hallsu l-ammonti li jsiru riferenza ghalihom fl-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-sens illi l-fedina penali tal-imputati hija wahda kompletament nadifa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 325(1)(b), 325(1)(c) u 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati Mathieu Andre Michel Moulin u Ludovic Paul Valentin Bras hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------